# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**140.** **20 ta' MEJJU 1911.** **IT-TIELET SENA**


## FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# NERIC MIZZI.

Ma hemmx ħaġa li tatini pjaciı acbar għall kalbi milli meta nara bniedem li ħakku jitla il fuk u jiġi magħruf u imfaħħar il veru meritu tiegħu. Daks li nobgħod bl-icreħ in-nepotismu, l-imbuttar b'ix-xaħam u b'il kaddisin daks tant ieħor noħla meta nakra jeŭ nisma li xi Malti bħali, għax studja u għax ħakku, ŭasal x'imchien seŭŭa fejn jista jicseb ġieħ għalih u għall pajjisu.

Għaldakstant xejn ma għandcom tistagħġbu jecc l-articolu di fondo ta'l-lum iddedicajtu lill ħabib għażiz tiegħi Neric Mizzi, bin il mibchi patriotta l'Avucat Fortunatu, għaliex dana iż-żagħżugħ intelligenti, ġo Ruma, kiegħed jicseb tant ġieħ u tifħir li jixrak ħafna li il gazzetti ta' pajjisu jgħidu xi chelma tajjba fuku ucoll.

Dina ma hix l-eŭŭel darba li sejjra tfaħħru in-«Naħla» għaliex fejn smajt u stajt katt ma ħallejt tiżlokli ŭaħda li ma nfaħħarx lil dauc iż-żgħażagħ Maltin li narahom miexjin b'ir-riħ f'il kala il kuddiem; iżda d'id-darba irrid nitchellem ftit actar f'it-tul fuk Neric Mizzi għaliex ħakku tasseŭ.

Cullħadd jaf, u kalitu ftit ilu in-«Naħla» ucoll, chemm chien ġie imfaħħar dac l-istudju li dan l-aħħar stampa fuk «*Il Contratto Giornalistico*» li saħansitra faħħarulu il famus Prof: Cogliolo ta' Genova stess. Għal dana u għal bosta articoli sbiħ oħra li stampa fuk l-akŭa gazzetti ta'l Italja ġie maħtur dan l-aħħar bħala ŭieħed m'il Membri ta'l Cumitat ta'l Congress Internazjonali ta'l Istampa li sar Ruma f'daŭna il ġranet, unur cbir u l-actar għal żagħżugħ bħal ma għadu Neric Mizzi. Barra minn dana ġie maħtur ucoll bħala REDATTUR TA'R-«REVUE D'ITALIE,» ŭaħda m'il akŭa rivisti franciżi li hemm u li toħroġ cull xahar b'faxxicoli ta' 200 faċċata il ŭieħed.

Mela l-isem ta' dana il pajżan ta' ħila tagħna nara li mela u xegħel l-Italja collha bl-articoli li chiteb fuk il qŭestjoni ta'l Lingŭa Taljana f'Malta issa sejjer jixgħel Franza ucoll. U hecc hu għaliex il famus Redattur ta'l FIGARO ta' Pariġi, li hu ŭieħed m'il akŭa ġornali ta'd-dinja, ittraducielu b'il franciż librett li dana Mizzi chiteb fuk dina il qŭestjoni ta'l Lingŭa u li ġera u tkassam bl-eluf ma'd-dinja collha. B-hecc ijsir ġid lill pajjisna, billi iġiferi jiġru ma'd-dinja daŭna l-articoli b'il franciż jeŭ b'lingŭi oħra imxerrda u tradotti minn nies famusi bħal ma hu dana Mercier, u m'hux billi impecilku aħna f'il gazzetti tagħna li Barra nistgħu ngħidu li ma jakrahom ħadd. Dana hu il ħames librett li Neric Mizzi ħareġ sa'l-lum fuk il Quistjoni ta'l Lingŭa.

Bravu tasseŭ !

Li il Mercier, (li barra milli hu Redattur ta'l *Figaro* hu ucoll Direttur ta'r-*Revue d'Italie*) m'hux biss jaħtar lil Neric Mizzi bħala ŭieħed m'ir-Redatturi ta' dina ir-rivista famusa iżda ucoll jittraducilu hu stess għal franciż l'articolu li chiteb u jistampahulu spejjes tiegħu barra milli f'ir-rivista f'librett u kassamulu m'ad-dinja juri ċar daks ix-xemx chemm dana Mercier, li jaf x'inhu ġurnalismu u jaf x'inhi ħila ta' min jicteb, jiistma l-intelligenza u il ħila cbar ta' Neric Mizzi. Min hu li f'Malta katt ta casu; min hu li f'Malta katt faħħru ! Ftit ! Tasseŭ li *nemo propheta in patria* u li aħna kiegħdin nivveġetaŭ *in terra miseriae et tenebrarum !*

* * *

Natu dakka ta' għajn issa lill Oposculu imsejjaħ « LA LUTTE POUR LA LANGUE ITALIENNE A MALTE » meħud m'ir-*Revue d'Italie* ta'l 15 ta' Marzu u ta'l 15 ta' April li għaddeŭ.

Dana beda biex kal chemm fl-istorja tagħna chellna x'naksmu f'iż-żmienijiet l'imgħoddija ma'l Italja billi conna taħt idejn ir-Rumani li taŭna sa l-aŭtonomja u taħt il ħacma ta's-Slaten *delle due Sicilie*. Fiħem li billi nitħaddtu b'il malti bejnietna

# TLAKKIT.

—Il ħut ta'l ilma ħelu inġieb fl-Ingilterra fl-1691 mi'ċ-Ċina u'l Ġappun. Segnes ijghid illi ħuta minn daūn, fil Palatin, ghixet fuk il mitt sena.

Chien haūn minn daūn li jlaħħku 4 piedi tul.

—Haūn daūra ta' 500 xorta ta' animali b'erba sakajn; ghasafar haūn 4,000 xorta; ħut hemm 2,500; animali li jitcaxcru 700; dud 44,000, barra minn bosta eluf ta' oħrajn li ma jidhrux b'il ghajn.

—Robert Fracois Damiens, li ta salt biex joktol l'is sultan Luiġi XV fl'1757, ġie iccundannat biex jiġi sqūartat; iżda ghal chemm l'erba żūiemel ġibdu b'saħħithom collha ghal ħamsin minuta; in-nervi ma riedux jinkatghu, u billi chien ghadu ħajj il bojja chellu jaktaghhomlu b'mus, biex isseħħ il-liġi.

Hecc ġara ucoll fil biċċa ta' Ravaillac, li katel is-Sultan Nericu IV.

—Coventry, belt fl-Ingilterra, hi ūaħda m'il actar bliet li fihom jinħadmu iż-żagarelli, ghaliex fiha dūar il 10,000 neūl.

—Darba chien haūn Sultan ta'l Eġittu li meta mar ghall pellegrinaġġ ta'l Mecca, chellu fost collox 500 ġemel imghobbija b'il ħelu ta' cull xorta; 280 imghobbija b'ir-rummien, berkuk u frott ieħor u ħa barra minn daūn 1,000 ūizza u 3,000 tajra oħra ! !

L'imsemmi Califf Haroūn al Rasxid, u ir-Reġina tieghu, ghamlu dan il pellegrinaġġ m'il belt ta' Bagdad f'is-Sirja, sa'l Mecca, boghod ta'l 1000 mil, b'mod illi fil vjaġġ li ghamlu ta' cull jum chienu jimxu fuk it-tūapet.

—L-eūūel ittra li nsibu siġillata bl'inċira fl-Eūropa, iġġib id-data ta' 3 ta' Aūūissu 1554.

—Id-daūl jiġri dūar 200,000 mil cull minuta seconda.

—In-nemel ijġorr taghbija tkila daksu 40 darba.

—Linneū ijghid illi iccalcula li il Melolonta, gha'd-daks taghha, hi b'saħħitha sitt darbiet actar m'iż-żiemel.

—Il campnar ta'l Cattidral ta' Strasburgu hu l'oghla ūieħed li jinsab fl-Eūropa collha. Hu gholi 474 pied. Ġie iddisinjat u mibdi minn Erwin ta' Steinbach. Hu ftit ankas baxx m'il Piramida ta'l Giza ta'l Eġittu. Hemm 725 tarġa biex titla fuku u hu 130 pied gholi actar m'il Catidral ta'l Protestanti, S. Paūl, ta' Londra.

—Krib Milan, belt fl'Italja, hemm ecu illi, scond ma jghid Addison, iġieghlec tisma l'isparatura ta' pistola 56 darba.


## DIFFIDA.

Billi sirt naf illi persuna ftit onesta fil uakt li kieghda tabbusa mil fiducia illi bid-dritt collu kieghda tgaūdi id-ditta tieghi, kieghda tghid illi dar ohra hija li stess dar tieghi, ghandi ghalhecc niddichiara illi jiena m'hiniex responsabbli tal consenja regolari tat-titoli, tal pagamenti tal premji bollettini u ta cull contestazioni illi tista tinkala hlief ghal contratti u ricevuti illi igibu il firma tieghi C. BORNACCINI.

Navza barra minn dan illi il prezzijiet ghat-titoli b'pagamenti ta hames xelini huma:—

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| HUNGARIAN FONCIER | £ 8 | 10 | 0 | cull titolu |
| PANAMA | 8 | 0 | 0 | ,, |
| CONGO | 6 | 0 | 0 | ,, |

Ghalhecc daūc il clienti illi jixtieku jacqūistaū xi titolu tadditta tieghi huma mitlubin li jirrifiūtaū cull cuntratt o hūejjeġ ohra illi ma jġibux il firma tieghi.

Kabel tiffirmaū kiesu li tcunu tafu tajjeb ma min tcunu sejjrin tittrattaū, chif ucoll informaū ruhcom fuk dac li ghandcom thallsu, biex imbaghad ma tiġu fl-ebda imbarazz. Cull informazioni o hūejjeġ ohra ma ghandcomx tohduhom hliet minn ghand

C. BORNACCINI
87, Strada Forni, Valletta.


# IL CURA TA'S-SAŬM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

Inghaddu issa biex naraū x'ijghid fuk dana is-saūm il cbir xjenzjat american HEREWARD CARRINGTON f'il ctieb famus tieghu «VITALITY, FASTING AND NUTRITION.» Dana jibda biex ijghidilna li jaghmel ħażin ħafna cull min jibda dina il cura ta's-saūm ūaħdu jecc ma jcunx kara seūūa fukha jeū jecc ma jcunx meghjun minn min jifhem fiha tajjeb ghaliex jista jsib ruħu f'xi saram li ma jcunx jaf joħroġ minnu u jibdielu. Mela kabel ma takraū u tarġghu takraū dac li ctibtilcom u li ghad irrid nictbilcom fuk dina il cura la tintrigaūx tibdeūha u jecc xi ħaġa ma tifhmuhiex b'iż-żejjed staksu lili *b'il fomm* u infehimilcom m'il aħjar li naf. Ijfiehimna ucoll li jecc ūieħed ma tul dina il cura jdaħħal l-ankas ħaġa ta'l ichel fl-istoncu tieghu barra m'il ilma jaghmel ħażin ghall saħħtu u is-saūma ma tisūielu xejn. Jibda biex ijghid li il ġisem ta'l bniedem ma jghixx b'is-setgħa li jatih l-ichel u ūara jfehimna chif u jemmen li b'is-saūm ijfieku tasseū ħafna mardijiet (*a virtual panacea*) u jixtiek li is-saūm jidħol bħala ūaħda m'il medicini f'idejn it-tobba biex ijfejjku in-nies f'loc il ħafna duūa li jatu li m'hux biss hi dejjem tista tghid ħażina f'it-toghma u tkum ħafna flus iżda li biss darba fl-elf tista taghmel xi ġid ċchejchen f'il ġisem ta'l bniedem billi ttejjku.

* * *

Il gharef Tabib Rabagliati chiteb il «*Ftuħ*» ta'l ctieb u fih ijghid li jakbel ma'l fehma ta' Carrington li is-sħana ta'l ġisem u is-setgha għax-xoghol ma jiġux m'il ichel li nieclu (*I agree with the main contention in it that neither the heat of the body, nor its energy or power of work, come from the food*). U ūara li jimla ħafna faċċati b'ħafna raġunijiet sbiħ li trid tcun studjajt biex tifhem il ħafna filosofija u xjenza li fihom jasal biex ijfehimna li is-sħana u ix-xoghol joħorġu m'il ġisem u li l-ichel ma jisūiex biss ħlief biex ijkanklu ghall ħidma f'loc frosta u biex ijseūūilu dejjem dac li jcun kieghed jaħli u jitlef biex jista jaghmel dan ix-xoghol billi il ġisem tista bosta drabi tieħu xoghol cbir u tūil minnu bla ma titimghu iżda biss billi b'moħħoc tūebblu li meta jaghmel dac ix-xoghol sejjer jirbaħ xi ħaġa. U minn dana jiġbed il fehma li ahna il coll lill ġisem natuh ichel actar milli ghandu bżonn biex ijseūūi dac li jitlef u li ghalhecc ijmur moħli u li seūūa ħasbuha Cornaro, Hufeland u il Prof: Chittenden meta kalu li il bniedem jista jghix tajjeb ħafna u jista jakdi xoghlu collu bħal kabel meta ma jiecolx ħliet dac il ftit li hu meħtieġ biex jitrakka il ħala li jcun sar f'il macna b'ix-xoghol li tcun ghamilt.

* * *

Fl-eūūel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ jibda biex jara jecc jistax ijfiehimna x'inhu il mard kabel ma jghaddi biex ijghallimna chif infejjkuh b'is-saūm; u haūn ijghidilna li it-tobba, saħansitra l-akūa fosthom, fuk dana ghadhom ma jafux ħlief ħūejjeġ żghar ūisk. Jafu jaghirfu liema marda hi iżda x'inhi fiha infisha ghadhom ma ūaslux biex jifhmuh u dana ma hux b'iż-żejjed bħal ma jghid Dr: T. L. Brunton, F.R.S. f'il ctieb tieghu « *Modern Developments of Harvey's Work in the Treatment of Diseases of the Heart and Circulation.*»

( *Tissocta.*)

## "MIN JIXLI IL GHAJRU TA' MIN IJGHAJJRU"

Biex jinħabb, ma sidu seŭŭa
Ciccu 'l Far, nassies, ghajjur,
Beda jixli ghal xric ieħor,
Li ħarir ma sidu jmur.

Iżda 's-sid, ghalchemm indunа,
Li cliem Ciccu chien karriek,
Minnufih sieħ l'ix-xric l-ieħor,
Li chien Ġanni Bużulliek.

« Isma', » kallu, « Ġann, x'ghidt inti?
Li minn ghajrec ma nghaddix?
Ara, ħa, chemm xoghol taŭni,
Għad l' int lilu ma ħdimtlix! »

« Jien, ghidt hecc? Jakaŭ min kallec?
Xi ħbieb tieghi li jħobbuni?
Għax haŭn bosta, » kallu, Ġanni,
« Illi mcasbar jixtiekuni.

« Chiecu biss; mel' jien haŭn ŭaħdi,
Ma haŭnx actar imghallmin?
B'hecc jithallsu jridu minni,
Haŭna x'erba nassiesin?

« Biex nuric li ma hux minnu, »
Kallu Ġanni, minnufih,
« Dalŭakt ghandi ntejfa xoghol,
Lilec haŭn inġib nuriħ. »

Daŭc li jridu il kirda tieghec
Ifittxulec xi żelluma,
U jcabbruha; iżda min jitlef,
Disa' drabi f'ghaxra?...... huma. E. C.

(*Dŭardu Cachia*)

## "IL GHASFUR MJASSAR."

F'idejn tifel f'nofs ta' ħâra
Jiena nara
Ghasfur ċchejchen jaka 'lsir,
U ma sieku nilmaħ jiena
Minnghajr ħniena
Ħajta jrabbat ta'l ħarir.

It-tarf jiġbed dac iż-żghajjar
Biex ijtajjar
Il ghasfur b'sakajh marbuta;
Ijneŭŭillu ftit żerrigha
Lilu jtiha
Imma dac kabditu il muta.

« Għidli 'l ghala ma bkajtx tghanni? »
Kallu Ġanni,
« U f'da's-sŭied il kalb ŭakajt?
K'ed iddejjkec il ħarira?
Haġa żghira!
Haŭn d'il fidda f'loc il ħajt. »

—«B'din il fidda, m'hux imfejjak...
Ghadni mdejjak,»
Kabeż kallu, il ghasfur,
« U jecc hieni trid tarani,
D'a'x-xkiel ghâni
Neħħi dlonc u erħili 'mmur. » E. C.

(*M'is-«Sebħ.»*) (*Dŭardu Cachia*)

# Gha'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

L-ISCHELETRU hu id-damma ta'l ghadam collu ta'l ġisem ta' bniedem. Fih insibu il COLONNA VERTEBRALI (*is-sinsla ta'd-daħar*) u li hi maghmula minn ħatna bċejjeċ midmumin ġ'ol mudullun u li jissejjħu VERTEBRI. Il caxxa ta'l ghadam ta'r-ras li fiha hemm merfugh il moħħ tissejjah CRANJU (*scutella ta'r-ras*); u il biċċa t'isfel ta's-sinsla li titŭassa donnha poppa ta' frejgatina tissejjah l-OSSU SAGRU u it-tarf taghha, hemm fejn l-annimali ghandhom imŭaħħal id-denb, jissejjah COĊĊIGE. Il ŬIĊĊ cull ħadd jaf x'inhu u fejn jiġi iżda m'hux cullħadd jaf li il ghadma ta'l gerzuma ta' fuk tissejjah OSSU JOJDE. M'is-sinsla ta'd-dahar joħorġu bħal frieghi il CUSTILJI, seŭŭa sew bħalma minn prim ta' dghajjsa joħorġu il majjieri. Daŭna huma erbgha u ghoxrin ŭaħda, tnax cull naħħa u m'hux tasseŭ li f'banda ŭaħda ir-raġel ghandu custilja nieksa. Daŭna kuddiem jaghkdu ma' ghadma oħra li tissejjah STERNU u b'hecc ijsir il kafas ta's-sider li jissejjah TORAĊ. In-naħħa ta' fuk ta' dana il kafas insibu żeŭġ ghadmiet li joħorġu m'it-tarf ta' fuk ta'l isternu u li jsejjħulhom CLAVICOLI u li m'it-tarf l-ieħor jighakdu ma'l ISCAPULA (*mgharfa ta'l ispalla*) u li ġo dina taħdem il ghadma il ħoxna ta'd-driegh li tissejjah OMERU. Id-dirghajn sħaħ jissejjħu fl anatomija ARTI SUPERJURI (*ta' fuk*) u ir-riġlejn ARTI INFERJURI (*t'isfel*). Ma s-sagru jeħlu żeŭġ ghadmiet cbar donnhom żeŭġ ġŭienaħ miftuħa u li nokoghdu b'il kieghda fukhom: daŭn jissejjħu il ghadmiet ILIACHE u li meta jinghakdu kuddiem jaghmlu CAVITA, iġifieri ħofra cbira li fiha jinsabu merfugha l-imsaren, il ġuf u il bużżieka ta'l aŭrina.

Fi scheletru ta' bniedem ta' 35 sena insibu b'collox MITEJN U SITT GHADMIET imkassmin hecc: f'il colonna vertebrali hemm 24 ŭaħda, f'il cranju, 8; f'il ŭiċċ, 14; f'il ŭidna, 8; custilji, 24; f'id-dirghajn, 64; f'ir-riġlejn, 60, u ŭaħda cull ŭieħed f'is-sacru, coċċiġe, ossu jojde, u sternu. Barra minn daŭna hemm il ghadmiet VORMIANI, li jicbru żejjda f'il cranju u il ghadmiet SESAMOJDEJ li jicbru ġo nofs l-gheruk u li fosthom inghoddu ir-ROTULA (*il ghadma ta'l ircoppa*).

Il ghadam meta jicber il bniedem jicber collu chemm hu mieghu u m'hux ŭaħda iva u oħra le, u ghalhecc meta it-tabib li jaf l-anatomija tajjeb tatih kuddiemu ghadma, bħallichiecu l-*omeru*, dana malli jkisu jista jghidlec il bniedem sid dac l-omeru meta chien ħajj chemm chien tŭil. Meta il ghadma jcollha il ghamla ta' dadu tissejjah: *cubojdi*, ta' tarf ta' campnar: *piramidali*; ta' dghajjsa: *scafojdi*; ta' pisella: *pisiformi*; ta' angolu: *sfenojdi*; ta' cunjard: *cuneiformi*; u x'naf jien. Il ġisem ta' ghadma jissejjah *diafisi*, it-truf, *epifisi*. (*Jissocta*).

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

Min ijrid jicri forn il Belt, f'it-Tombata ta'l Mandraġġ, Nri. 142 u 143, ijmur ghand Censu Muscat b'il ħanut f'id-numri 144 u 145 fejn hemm l'imfietaħ u ŭieħed jista jittiehem ucoll fuk il chera.

**SNIEN! SNIEN! SNIEN!**

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' għodda moderni u m'il ahjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

**Sejjer johrog' ma jdumx!**

# AGOSTINO LEVANZIN

# IL CURA TA'S-SAUM

Ctieb interessanti tasseu li minnu titghallmu chif taghmlu dina il cura, chif ticsruha, chif tfejjku biha hafna mardijiet u liema g'id tista taghmel u liema huma il pericoli ghal min ma jaghmilhiex seuua; x'hassejna ahna g'urnata b'g'urnata u hafna huejjeg' ohra li meta uiehed jakrahom jistghu jisueulu uisk ghal g'id ta' sahhtu. Il ctieb ijcun stampat fuk carta m'il ahjar u ijcun fih bosta stampi fosthom dauc ta's-Sur Levanzin chif chien sar fl-40 jum ta's-sauma tieghu. **Ijkum tmien soldi biss.** Ghall bejgh **xelin.** Tistghu tissiehbu b'ittra.

---

# TÈ TA CEYLON 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD=DEHEB

GHAL

KAUUA IT=TOGHMA U IS=SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR=RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA

## C. CAMILLERI & SONS

**50 u 51 Strada Mercanti il Belt**

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

# IPPURIFICAU BIDDLU u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daûc collha li jridu jiccurań rûiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma seta jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûh tukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħûejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tûiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daûl kaûûi u sabiħ ûisk u ħafna ħûejjeġ oħra bħal daûn ta'l aħjar qûalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaû biex taraû chif toħorġu cuntenti sgur.

---

# L-Ispizzjar A. CUMBO,

BILLI IL CLIENTELA TIEGHU KIEGHDA TIGBER CULL MA TMUR GHALIEX M'HUX BISS IJBIEGH MEDICINI U ĦÛEJJEĠ OĦRA M'IL AĦJAR U B'REKKA CBIRA IŻDA UCOLL BI PREZZIJIET IRĦAS TASSEÛ, CABBAR L-ISPIŻŻERIJA TIEGHU U ĦADHA **F'IL HANUT TA' HDEJH SEUUA** LI HU ÛISK ACBAR U ISBAĦ U B'HECC IJCUN JISTA JAKDI AĦJAR U B'ACTAR ĦEFFA LIL BOSTA NIES LI DEJJEM IJCOLLU FL-ISPIŻŻERIJA TIEGHU. META TGHADDU MINN HEMM MORRU ATU DAKKA TA' GHAJN, **Strada Rjali, il Belt, kuddiem il Club seuua.**

---

## IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haûn ħadd li ma hux maħsns b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seûûa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaû iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeû jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**¡IPPRUVAÛH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

---

In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.